Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 95/2012

**Il-Pulizija
(Spt. Ramon Mercieca)
Vs
Dunstan Williams**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 102779 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta’ Willsmart Limited u/jew bhala persuna pregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta’ taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (15) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta’ Lulju 2003 sal-31 ta’ Lulju 2004, fil-31 t’Ottubru 2005, fit-30


Qrati tal-Gustizzja

t'April, 2006, fil-31 ta' Jannar 2007 sat-30 t'April, 2007, fil-31 t'Ottubru 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007, fit-30 t'April 2008, fit-30 t'April 2009 u fil-31 t'Ottubru 2009 sal-31 ta' Jannar 2010 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 55 u artikolu 76(c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' disgha` mitt Euro (€900).
Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-Att Nru. XXIII ta# l-1998 ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax il-Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Gie ppruvat minn kull dubbju ragonevoli li mhux biss l-appellant dahhal ir-returns, izda kienu saru pagamenti. Charles Attard, l-accountant ta' l-appellant xehed li kienu saru numru ta' pagamenti lid-Dipartiment tal-VAT u kien hu li jinforma lill-appellant bil-quantum dovut. Fil-fatt xehed ukoll li kien dahal f'diskussjonijiet mal-VAT department, u bdew jissolvu problema b'mod amministrattiv u b'mod amikevoli. Gara li d-Dipartiemnt ma kienx qed jirregistra l-hlas kontra return partikolari kif l-appellant haseb li kien qed isir, izda d-Dipartiment u sistema tieghu kien jirregistra l-hlasijiet kontra penali u

imghaxijiet. B'hekk kien qed jinghata impressjoni li l-appellant ma kienx qed ihallas ir-returns tieghu.

Illi jidher bl-aktar mod car li l-appellant ma kellux intenzjoni kriminuza li ma jhallasx id-Dipartiment, izda minhabba kumplikazzjoni ta' kontabilita` u ta' hlas lura li kellu jircievi mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kien qed isolvi dawn il-problemi. Fil-fatt l-appellant kien qed isegwi istruzzjonijiet tad-Dipartiment tal-VAT u ta' l-accountant tieghu. B'hekk il-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-appellant kellu mens rea u b'hekk kellu jigi lliberat.

Illi anki jekk jigi biex jottempra ruhu mas-sentenza hawn fuq indikat jidher car li kien hallas ammont sostanzjali u peress li d-Dipartiment ghazel li jmexxi b'akkuzi kriminali kellu jikkredita l-ammonti imhalsin mat-taxxa dovuta u mhux kontra penali u imghaxijiet ohra, kif ghamlu.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid li minnha rriżulta dan li ġej.

Skont is-Sur Emanuel Darmanin, rappreżentant tal-Vat Department, id-dipartiment jien ħa passi kontra l-appelalnt minħabba li kien naqas li jibgħat id-denunzja flimkien mal-ħlas dovut għall-diversi perjodi kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Meta xehed fit-22 t'Ottubru 2012 l-uffiċjal qal li kein iċċekkja biex jara jekk l-appellant kienx ħallas kollox u sab li kien fadallu jagħti tlitt elef tmien mija u sittax-il Euro. Hemm nuqqas t'a ħlas għal ċertu perjodu. Huwa ma setax jgħid li l-ħlasijiet l-oħra kinux saru tardivament jew le. Dwar ir-returns li kien hemm fil-proċess, dawn kien ippreżenthom l-appellant.

Fil-kontro-eżami huwa ikkonferma li l-appellant kien għamel diveris ħlasijiet. Skont ir-records l-appellant kellu jagħti 9405 Euros fi pure tax u minnhom kien ħallas 5589

Euros. Ix-hud qal li ma kienx f'pożizzjoni li jgħid kif jitqassmu l-ħlasijiet li jagħmel l-appellant meta jmur iħallas fid-Dipartiment tal-VAT . Biss jekk ma jkunx hemm tax period partikolari, dawn ikunu apportioned. Ix-xhud lanqas ma kien jaf jekk l-appellant kienx qed jagħmel trattivi mad-Dipartiment tal-VAT. Biss illum l-appellant għandu jagħti 98,000 Euro. Hemm erba' returns li għadu ma daħħalhomx. Ix-xhud kien qed jillimita ruħu għal dawk ir-returns meta daħlu mingħajr il-pagament totali.

It-tieni xhud kien Charles Attard li huwa konsulet fil-Management. Dan qal li kien avviċinat mill-appellant fis-sena 2004 meta kien qed jimla l-VAT returns bħala nil, jiġifieri mingħajr kummerċ. Hawn ġie li għandu jagħti ammont ta' flus u mhux li għandu jieħu. Imbagħad beda jħallas id-denunzji bil-mod, il-mod. Huma bdew jimlewlu aktar denunzji u beda jħallas dawn ukoll bil-mod, il-mod. Iżda l-flus kienu qed imorru kontra l-multi u l-interessi u mhxu kontra s-sorte. Il-multi telgħu għal somma konsiderevoli. Il-flus li kien qed iħallas l-appellant kienu qed imorru biex jinqatgħu l-multi u l-interessi. Għalhekk kien qiegħed kważi ma jaqta' xejn mis-sorte. Quddiem l-Ewwel Qorti huwa kien qal li kieku tnaqqsu msis-sorte, kieku, bejn wieħed u ieħor, l-appellant kien fadallu jagħti xi erbat elef Ewro ieħor.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li d-denunzji tal-2003 ma kinux intlew. Kienet kellmitu Vat Inspector u qaltlu li dawn ma ntlewx jew intlew nil u talbitu biex jimlihom.

Il-Qorti rat ukoll d-dokument DW1 li kien ippreżenta l-appellant stess meta kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Dawn huma fotokopji ta' tliet VAT returns għall-perjodu 1/5/2009 – 31/07/2009 (iffirmat 4/9/2009); 1/8/2008 – 31/10/2008 (iffirmat 11/12/2008) u 1/5/2008 sa 31/07/2008 (iffirmat 11/9/2008.

Wara li għarblet ix-xhieda, id-dokumenti kif ukoll it-trattazzjoni, il-Qorti l-ewwelnett ikkonkludiet li m'hemm ebda referenza fiċ-ċitazzjoni għall-perjodi indikati fid-dokument li ppreżenta l-appellant.

It-tieni, il-Qorti hija konvinta li jirriżulta ċar mix-xhieda t'hawn fuq li għall-perjodu twil – li huwa indikat fiċ-ċitazzjoni – l-appellant ma bagħatx denunzji tal-VAT jew, jekk bagħathom, dawn intlew NIL u kellhom jerġgħu jintlew mill-ġdid u kien hemm ħlas xi jsir.

It-tielet, il-Qorti kkonsidrat is-sottomissjoni tad-difiża li l-ħlasijiet li kien qed jagħmel l-appellant, flok ma kienu qed imorru għas-sorte, kienu qed imorru għall-ħlas tal-interessi u tal-multi. Issa jekk fil-fatt kien qed jiġri li l-ħlasijiet kienu qed jaqtgħu l-interessi u l-multi, dan kien qed jimxi ma' dak li tgħid il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 1169:

'**1169.** (1) Id-debitur ta' somma ta' flus li tagħti mgħaxijiet ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-ħlas għall-kapital, minflok li għall-imgħaxijiet.

(2) Il-ħlas ta' parti mid-dejn magħmul akkont ta' kapitali u mgħaxijiet, mingħajr ma jingħad għal liema minnhom, imur l-ewwel għall-imgħaxijiet.'
.

Ir-raba', l-Ewwel Onorabbli Qorti mmotivat is-sentenza tagħha hekk:

'Illi mill-provi prodotti jirriżulta ampjament li numru ta' denunzji msemmija fiċ-ċitazzjoni ġew ippreżentati tardivament. Fil-fatt mid-depożizzjonijiet tal-accountant tal-imputat jirriżulta li meta huwa ġie inkarigat mill-imputat dan kellu numru ta' denunzji pendenti u li għalhekk ġew preżentati tardivament; jirriżulta wkoll mid-depożizzjoni tal-istess accountant li l-aħħar denunzja indikata fiċ-ċitazzjoni, dik għall-perjodu tat-taxxa li għalaq fil-31 ta' Jannar 2010, ġiet ippreżentata fl-aħħar tas-sena 2011.

Illi jirriżulta li hemm taxxa li għadha pendenti.'

Meta l-Qorti tqis dawn l-erba' punti, mhix qed tara għala għandha tirrevoka jew tvarja s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-16 ta' Frar 2012.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------